

Venezwela: Il-Parlament jirrikonoxxi lil-Guaidó u jħeġġeġ lill-UE biex tagħmel bħalu

- Il-MPE jirrifjutaw kull tentattiv li juża l-vjolenza biex tiġi riżolta l-kriżi
- Ħolqien ta' grupp ta' kuntatt biex jiġi faċilitat qbil dwar elezzjonijiet ġoddha
- Waqfien tal-ksur tad-drittijiet umani kollha
- Sejħa biex jinħelsu immedjatalement il-ġurnalisti kollha arrestati

Il-Parlament Ewropew irrikonoxxa lil Juan Guaidó nhar il-Ħamis bħala l-President leġittimu ad interim tal-Venezwela, skont il-kostituzzjoni tal-Venezwela.

Huma ħeġġew lill-kap tad-diplomazija tal-UE, Federica Mogherini, u l-istati membri biex huma wkoll jirrikonoxxu lil Guaidó “bħala l-uniku president ad interim leġittimu tal-pajjiż sakemm jiġu organizzati elezzjonijiet presidenzjali ħielsa, trasparenti u kredibbli biex titreġġa’ d-demokrazija”.

F’riżoluzzjoni, adottata b’439 vot favur, 104 voti kontra u 88 astensjoni, huma tennew l-appoġġ sħiħ lill-Assemblea Nazzjonali, l-uniku korp demokratikament leġittimu, u qalu li l-poteri tiegħu għandhom jiġu restawrati u rispettati, inkluż id-drittijiet u s-sigurtà tal-membri tiegħu.

Wara r-rikonoximent ta’ Juan Guaidó, l-UE u l-istati membri għandhom ukoll jirrikonoxxu r-rappreżentanti maħtura mill-awtoritajiet leġittimi, tgħid ukoll ir-riżoluzzjoni.

Responsabbiltà għal dawk li wettqu l-vjolenza

Il-MPE ikkundannaw il-vjolenza ħarxa u talbu lill-awtoritajiet de facto tal-Venezwela biex itemmu l-ksur kollha tad-drittijiet tal-bniedem, biex iżommu dawk responsabbi tal-ksur, u jiżguraw li d-drittijiet fundamentali u d-drittijiet umani kollha jkunu rispettati bis-sħiħ.

F’dan ir-rigward, huma jappoġġaw is-sejħa tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti għal investigazzjoni indipendenti u sħiħa tal-qtıl li sar.

Huma kkundannaw ukoll l-arrestazzjoni ta’ ġurnalista li qed ikopru s-sitwazzjoni fil-Venezwela, fosthom bosta persuni mill-UE, u sejħu għall-ħelsien immedjat tagħhom.

Ħolqien ta' grupp ta' kuntatt

Il-MPE appellaw lir-Rappreżentant Għoli biex joħloq grupp ta' kuntatt flimkien mal-pajjiżi fir-reġjun u atturi ċentrali oħra, kif intalab fil-[konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Ottubru 2018](#), li jkun jista’ jservi ta’ medjatur biex jintlaħaq qbil biex jinżammu elezzjonijiet “ħielsa, trasparenti u

kredibbli bbażati fuq kalendarju maqbūl, ... u b'osservazzjoni internazzjonali".

Kuntatti

Estefania NARRILLOS

Press Officer

📞 (+32) 2 28 31324 (BXL)

📞 (+33) 3 881 73661 (STR)

📱 (+32) 498 98 39 85

✉️ estefania.narillos@europarl.europa.eu

